MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Numru. 329/2011

Il-Pulizija
(Sp Keith Arnaud u Sp Trevor Micallef)
vs
Jurgen Cassar, iben Joseph, imwieled Pieta' fit-30 ta' Lulju, 1985, karta ta' l-identita numru 428585(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fid-9 ta' Frar, 2011, għal ħabta tat-8.00 a.m. minn ġewwa l-ħanut bl-isem 'Pick a Sweet', li jinsab fi Triq is-Santwarju, San Gwann ikkometta (flimkien ma persuna oħra) serq ta' flus u oġġeti, liema serq hu aggravat bil-valur, liema value jeċċedi l-€232.94 iżda mhux iżjed minn €2,329.37 għad-dannu ta' Romina Borg u/jew persuna jew persuni oħra;
2. talli fi Frar, 2011 ġewwa San Gwann, il-Ħamrun u f'diversi toroq fil-Gzejjer Maltin saq vettura bin-numru tar-

reġistrazzjoni BBM 057, tal-marka Volkswagen Passat, mingħajr liċenzja tas-sewqan u b'hekk mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

3. talli kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali billi kkometta reat li għalih hemm il-piena tal-priġunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiża għal sentejn mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Ottubru, 2005 liema perjodu kien reġa ġie estiż għal sentejn oħra skont sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), diversament presjeduta, fid-19 ta' Jannar, 2011.

4. talli kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-19 ta' Jannar, 2011;

5. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-pre-sentencing report eżebit fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2011.

Rat il-vebal tas-seduta tal-14 ta' Mejju, 2012 fejn l-imputat reġa ammetta
l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 49, 50, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' tnax il-xahar priġunerija. Minbarra dan, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali. Rat is-sentenza tas-27

ta’ Ottubru, 2005 fejn l-imputat kien ġie kkundannat għal piena ta’ tmien xhur priġunerija liema sentenza ġiet sospiża għal sentejn, liema perjodu ġie estiż b’sentenza oħra tad-19 ta’ Jannar, 2011. Tordna li din is-sentenza tidħol fis-seħħ u għalhekk tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ tmien xhur priġunerija. Minbarra dan, tordna li l-imputat jiġi skwalifikat minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta’ sena minn meta jispiċċa jiskonta l-piena karċerarja lilu askritta. Tirrakkomanda li l-imputat jibda jsegwi program għar-riabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------